DUN ĠORĠ PRECA TAĦT INKJESTA (2)

Mitt sena ilu

ROBERT ALOISIO/robertaloisio@gmail.com



Fl-1909 il-Vigarju tal-Isqof Pietru Pace ordna lil Dun Ġorġ jagħlaq l-oqsma tal-Mużew li kien laħaq fetaħ

Dak li fl-2007, Papa Benedittu XVI iddikjarah bħala l-ewwel qaddis kanonizzat Malti, mitt sena ilu bħal dażżmien kien għaddej millprova tan-nar ta' ħajtu meta l-Knisja Maltija ta' dak iżżmien, immexxija mill-Isqof Mawru Caruana, fetħet inkjesta fuq is-Soċjetà li hu kien waqqaf disa' snin qabel mingħajr l-approvazzjoni uffiċjali tiegħu. L-aħħar sessjoni li fiha telgħu xhieda quddiem il-Kummissjoni tal-Inkjesta tal-Kurja saret fid-9 ta' Mejju, 1916. Inċidentalment id-9 ta' Mejju kellha ssir il-festa liturġika tal-qaddis Ġorġ Preca mill-2001 'il quddiem. Fil-fatt, għada l-Knisja Universali tagħmel il-festa tal-qaddis Malti, San Ġorġ Preca.

DUN ĠORĠ QUDDIEM IL-KUMMISSJONI

Lill-Kummissjoni, preseduta minn Monsinjur Lwiġi Attard, li inċidentalment kien il-konfessur ta' Dun Ġorġ Preca, dehrilha li, qabel kulħadd, kellu jinstema' l-fundatur innifsu biex isiru jafu fiex kienet tikkonsisti s-Soċjetà tiegħu, dak iż-żmien imsejħa uffiċjalment "Is-Soċjetà tal-Papidi (Ulied il-Papa)".

Ir-Randan ta' mitt sena ilu kien wieħed ta' penitenza akbar mis-soltu għall-Fundatur tal-MUSEUM. Huwa kien isibha bi tqila biex imur il-Kurja tal-Arċisqof. Sa ħafna snin wara kien jgħid li kienet taqbdu l-feħa kull meta jsejħulu l-Kurja! U Nellie Bartolo, is-soċja li kienet tieħu ħsiebu, tgħid li l-posta li kienet tasal id-dar tiegħu dejjem kienet tagħtihielu wara l-ikel, għax meta kien jara xi ittra mill-Kurja kien jaqta' l-aptit.

Dun Ġorġ issejjaħ l-ewwel darba quddiem il-Kummissjoni nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu, 1916. Kellu jidher b'kollox f'sitt sessjonijiet sħaħ li saru f'sitt ijiem differenti fi spazju ta' ġimagħtejn. Dawn kienu fl-10, 13, 15, 17, 22 u 24 ta' Marzu.

Id-dikjarazzjonijiet li Preca għamel fl-Inkjesta tal-Kurja għandhom valur kbir. Billi hu qatt ma ried li s-Soċjetà jkollha l-Annali tagħha, dan hu l-eqdem dokument storiku fuq is-Soċjetà tal-MUSEUM. Dun Ġorġ qatt ma kien jasal jitkellem hekk fuq is-Soċjetà tiegħu li kieku ma kienx obbligat mis-Superjuri tiegħu. L-istqarrijiet inġabru minn fommu u nkitbu minn Dun Karm Schembri, is-segretarju tal-Kummissjoni.

L-EWWEL SESSJONI, 10 TA' MARZU, 1916

Jidher ir-Reverendu Saċerdot Dun Ġorġ Preca mill-Ħamrun, Direttur tal-ħekk imsejħa "Mużewijiet", iżda li hu sejħilhom "Kumpanija tal-Papidi u l-Papidessi", li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Għaliex din l-istituzzjoni sejjaħtilha "Kumpanija tal-Papidi u l-Papidessi"? (Fl-Atti tal-Kurja hemm biss it-tweġibiet tax-xhieda, imma mill-kliem li bih jibdew iwieġbu wieħed faċilment jassumi x'kienu l-mistoqsijiet.)

Dun Ġorġ: Sejjaħt il-Kumpanija bl-isem ta' Papidi u Papidessi biex inneħħi kull suspett ta' ereżija, u biex nistqarru li aħna wlied il-Papa, flimkien mal-fini ewlieni tal-Kumpanija li ġej mit-Tieni Ittra ta' San Pawl lil Timotju Kap 2, vers 2: "Kull ma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn.

Kummissjoni: Kif allura ġie l-isem "Mużew"?

Dun Ġorġ: Il-Kumpanija, li ilha teżisti disa' snin, ġiet imsejħa MUSEUM fuq suġġeriment ta' wieħed millewlenin żgħażagħ. Wara, jiena tajt it-tifsira tal-kelma *Museum*, għal kull ittra: *Magister, utinam sequatur Evangelium Universus Mundus*: kliem li ma qrajtux jew ħadtu minn sorsi oħra. Monsinjur Pace (Ġużeppi Pace, l-isqof ta' qabel Caruana), billi dan l-isem ma għoġbux, ordnali nibdlu ma' isem ieħor; iżda dan ma rnexxilix naħmlu għax kulħadd sar jaf il-Kumpanija b'dan l-isem.

IL-BIDU TAS-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM

Kummissjoni: Meta u kif bdiet din il-Kumpanija?

Dun Ġorġ: Xi tmien snin ilu, meta jien kont ili diġà xi seba' xhur saċerdot, akkwistajt xi santi tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, mort f'ħanut magħruf bħala t-"Titotla", fejn kienu jirrikreaw ruħhom xi żgħażagħ ta' kondotta diversa, u stidinthom jiġu jisimgħu prietka tiegħi fil-Knisja magħrufa bħala "Ta' Nuzzu". Huma laqgħu l-istedina tiegħi, għamiltilhom il-prietka, jekk m'iniex sejjer żball, dwar il-mewt u l-imħabba tal-proxxmu, li huma semgħu b'attenzjoni, tant li reġgħu ġew hemm tliet darbiet oħra għall-istess skop.

Fit-tielet jum, ippropونejt lil wieħed miż-żgħażagħ preżenti li jikri kamra biex ma niskomodawx lill-Knisja, u dan seħħ wara xi ġimgħa wara. Ħadt parir mingħand il-konfessur tiegħi Mons. Kanonku Luigi Attard, u, fuq il-ġudizzju tiegħu, tajt bidu għall-opra, billi krejt kamra fi Triq Fra Diegu, numru 6.

Kummissjoni: Min hu dan iż-żagħżugħ li sablek il-post mikri?

Dun Ġorġ: Dan iż-żagħżugħ jismu Ġużeppi (Ġużeppi Terribile imma Dun Ġorġ kien nesa x'kunjomu għax ma kienx għadu fis-Soċjetà), magħruf bħala Pietru, bħala ġebla ("pietra") tal-pedament tal-Kumpanija; dan jgħix il-Ħamrun, fi Triq Fra Diegu.

Kummissjoni: Tista' ssemmi min kienu l-ewwel żgħażagħ membri tal-Kumpanija?

Dun Ġorġ: Fost l-ewlenin żgħażagħ, nista' nsemmi dawn li ġejjin: Eugenio Borg mill-Ħamrun, li attwalment huwa s-Superjur Ġenerali tal-Kumpanija, Salvatore Muscat, Ġużeppi Muscat, Emidio Callus, Carmelo Callus, Salvinu Cordina: ilkoll jgħixu l-Ħamrun.

Kummissjoni: Inti u żżgħażagħ tissejħu b'xi titli partikolari?

Dun Ġorġ: Sa mill-bidu, dawn iż-żgħażagħ bdew jissejħu appostli, u jien għamilt minn kollox biex inneħħilhom dan l-isem. Lili mbagħad isejħuli bl-isem ta' Patrijarka.

IL-FINIJIET U L-GĦANIJIET TAS-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM

Kummissjoni: X'kien il-fini ewlieni tal-Kumpanija?

Dun Ġorġ: L-iskop ewlieni tiegħi kien li nqaddes lil dawn l-Appostli, u biex ma nħallix il-Katekiżmu li kont nagħmel lit-tfal, sejjaħtilhom biex jgħinuni. Billi t-tagħlim fil-Parroċċa ma tantx kien organizzat, bdejna nlaqqgħu t-tfal band'oħra: jiġifieri fiddar mikrija fi Triq Fra Diegu, numru 6.

Kummissjoni: Lil dawn l-



hekk imsejħa Appostli għallimthom it-teoloġija?

Dun Ġorġ: Billi rajt il-ħtieġa li jkolli min ikun kapaċi jgħallem it-tfal, ġieni l-ħsieb li nikkultivahom fit-Teoloġija.

Kummissjoni: X'metodu użajt?

Dun Ġorġ: Ma kelli ebda metodu. Imxejt fuq diversi testi ta' Katekiżmu u Teoloġija. Minn ħames snin ilu 'l hawn, imxejt fuq kors regolari ta' tagħlim katekestiku u teoloġiku, l-iktar minnoti tal-Professur tiegħi, Dun Carmelo Grima D.D.

Kummissjoni: Kemm għandha ċentri l-Kumpanija u kif jitmexxew?

Dun Ġorġ: Id-djar tal-irġiel, huma bejn wieħed u ieħor 25: minn għoxrin sa ħamsa u għoxrin, u kull dar għandha s-superjur tagħha, kumpann, u erba' uffiċjali oħra, u anke spettur: li huwa dejjem saċerdot li jissorvelja d-dar, taħt is-sorveljanza tal-kappillan lokali, li dejjem bil-kunsens tiegħu niftaħ dawn id-djar.

Kummissjoni: Il-Kumpanija għandha skopijiet oħra, barra dawn li ssemmew diġà?

Dun Ġorġ: Skop ieħor tal-Istitut tiegħi huwa dan: li l-appostli, għandhom, bleżempju u bil-kelma, jipprietkaw il-frugħa ta' din il-ħajja, l-imħabba tal-proxxmu, u speċjalment il-manswetudni u s-sottomissjoni lill-Papa.

Kummissjoni: Veru li s-soċji huma marbutin b'vot tal-manswetudni?

Dun Ġorġ: Li tkun manswet hija xi ħaġa tant speċjali għal din il-Kumpanija li s-soċji jintrabtu b'vot: limitat biss għal bejn is-soċji u temporanju, jiġifieri sakemm jibqgħu fis-Soċjetà, u ħatja biss ta' dnub mejjet jekk jaħbtu għal xulxin, jinsultaw bi kliem offensiv fuq difetti naturali, u jekk jitfgħu oġġetti perikolużi lil xulxin li jistgħu jweġġgħu sew. Il-bqija kollha dnubiet venjali *contra virtutem Religionis*. Meta jagħmlu dan il-vot, ngħid talba, li jien qed inqiegħed biex tarawha.

IT-TIENI SESSJONI, 13 TA' MARZU, 1916

Tlett ijiem wara, Dun Ġorġ reġa' deher quddiem il-Kummissjoni biex jissokta jitkellem fuq l-ġħanijiet tas-Soċjetà tal-MUSEUM. F'din it-tieni sessjoni li saret it-Tnejn, Dun Ġorġ jgħid li l-MUSEUM għandu wkoll l-iskop li jressaq lill-midinbin lejn Alla. Biex is-Soċjetà tilħaq l-għan tagħha, huwa ried li l-membri nfushom jgħinu lil xulxin billi kull soċju jkollu direttur spiritwali li jkun membru tas-Soċjetà stess.

Kummissjoni: Tissokta titkellem fuq il-finijiet tal-Kumpanija tiegħek?

Dun Ġorġ: Skop ieħor huwa li ngħin lill-kappillani fit-tagħlim tal-Katekiżmu, li lilhom tmiss l-għażla u l-approvazzjoni tat-test li rridu nimxu fuqu, kif ukoll l-approvazzjoni għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma.

Skop ieħor partikulari huwa dak li, permezz talmembri tas-Soċjetà, inressqu lill-midinbin mill-ġdid lejn Alla, li diffiċli jew rari jmorru l-Knisja biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla. Għalhekk kull membru, skont l-okkażjoni, spiss imur filħwienet fejn ikun jaf li jmorru ħafna nies imbegħdin mill-Knisja, u wara li jintroduċi ruħu b'xi mod, u joffrilhom santi jew slaleb żgħar jew ħwejjeġ simili, jibda jitkellem magħhom fuq ħwejjeġ tar-ruħ, u għal dan l-iskop l-appostli tiegħi jitgħallmu t-teoloġija dommatika u morali mingħandi u mingħand saċerdoti approvati minni.

Kummissjoni: Fid-djar tagħkom tgħallmu biss tfal?

Dun Ġorġ: Nilqgħu fi djarna privatament u f'post privat maħsub għalhekk, persuni avvanzati fl-età, li ma rċevewx is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof, u billi jistħu jitgħallmu fil-pubbliku fil-parroċċi, jiġu jitgħallmu privatament biex jirċievu s-sagramenti.

Kummissjoni: Tassew li fil-Kumpanija hemm soċji li huma direttur spiritwali ta' soċji oħra?

Dun Ġorġ: Billi ħafna drabi l-parrini jittraskuraw iddmirijiet tagħhom, is-soċji għalliema (billi hemm diversi klassijiet ta' soċji) ipattu għat-traskuraġni tal-parrini billi jidderieġu lil soċji oħra fil-kultura tal-ispirtu, taħt dawn il-kundizzjonijiet:

- li d-diriġent ikun tal-inqas għalaq 24 sena.
- li jkun mill-Klassi tal-Għalliema: li hi l-ogħla klassi tal-Kumpanija.
- li wara l-parir tal-aqwa tal-klassi jkun iġġudikat minni prudenti, kapaċi biex jgħallem u eżemplari.
- li meta jkun hemm periklu ta' nuqqas ta' kontroll tal-impulsi sesswali, iddiriġent u d-dirett iridu javżaw lis-Superjur Ġenerali, li huwa sekular, li għandu jkeċċi lil min hu ħati.
- li l-każijiet gravi, magħrufa bħala tali mid-Direttur jew mis-soċju għalliem, jgħaddu taħt id-dritt tal-Konfessur.

IT-TIELET U R-RABA' SESSJONI, 15 U 17 TA' MARZU, 1916

Fit-tielet u r-raba' sessjoni li saru l-Erbgħa u l-Ġimgħa, Dun Ġorġ tkellem fid-dettall fuq kif kienet organizzata s-Soċjetà tal-Museum. Tant niżel f'dettall li nistgħu nikkonkludu li żgur kellu f'idejh xi noti meħudin mirregolamenti jew Kostituzzjonijiet li hu stess kiteb għas-Soċjetà tiegħu. Huwa jispjega x'inhuma d-dmirijiet tal-Ispetturi Ġenerali, l-Ispetturi Partikulari, is-Superjur, l-Assistenti Ġenerali Teoloġi, l-Assistenti, il-Prokuraturi u s-Superjuri Partikulari.

IL-ĦAMES SESSJONI, 22 TA' MARZU, 1916

Il-ħames sessjoni saret l-Erbgħa tal-ġimgħa ta' wara. Fiha, Dun Ġorġ tkellem fuq ir-regolamenti tas-soċji, x'kienu l-każijiet meta soċju jitkeċċa u fuq id-distintiv tassoċju li sa dak iż-żmien ma kinitx il-Verbum Dei imma l-palju.

Kummissjoni: X'inhu meħtieġ biex wieħed jiġi aċċettat bħala kandidat fil-Kumpanija?

Dun Ġorġ: Biex ikun aċċettat bħala kandidat, wieħed irid ikun għalaq sittax-il sena, ikollu ġenituri Kattoliċi, ma jkollux difetti ġenerali gravi, ma jkollux kondotta ħażina, ikun jaf jaqra u jikteb għallinqas bil-Malti, ma jagħmilx parti minn kongregazzjoni reliġjuża, ma għandux iktar minn 33 sena, qatt ma kien miżżewweġ u qatt ma kien eretiku.

Kummissjoni: X'inhu meħtieġ biex kandidat jiġi aċċettat bħala soċju fil-Kumpanija?

Dun Ġorġ: Biex ikun aċċettat bħala soċju, il-kandidat irid ikun għamel talinqas sena ta' probazzjoni u jkun għalaq tal-inqas tmintax-il sena. Din il-probazzjoni trid issir fejn huwa ġie aċċettat bħala kandidat u taħt id-direzzjoni tas-Superjur li minnu ġie aċċettat.

Kummissjoni: X'inhuma ddmirijiet tas-soċji?

Dun Ġorġ: Min irid jiġi aċċettat bħala soċju jrid jattendi għal-lezzjonijiet assenjati kuljum, jitlob kuljum ittalba hekk imsejħa tal-Mons Domini (ibbażata fuq il-Beatitudnijiet), jaqta' xagħru b'mod li ma jintmaxatx, ma jilbisx ingravati jew ċfuf sakemm xogħlu ma jitlobx mod ieħor, ma jpejjipx, ma jkollu familjarità ma' ħadd lanqas mas-saċerdoti, u li jitqarben mas-soċji l-oħra fil-Parroċċa kull tmint ijiem. Min jiddimetti mill-Kumpanija, jitlaq minn jeddu, jew imur ma' Kongregazzjoni Reliġjuża, ma jitħalliex jerġa' jidħol mal-Papidi.

Kummissjoni: Jekk dawn l-obbligi jinkisru, iġibu xi ħtija magħhom?

Dun Ġorġ: Le, dawn l-obbligi jekk jinkisru ma jġibu l-ebda ħtija jew piena spiritwali.

Kummissjoni: X'inhuma l-każijiet meta soċju jitkeċċa mill-Kumpanija?

Dun Ġorġ: Il-kawżi tattkeċċija mill-Kumpanija huma: kull ħtija esterna kontra s-safa, akkużi foloz kontra soċji, ras iebsa fl-inosservanza tar-regolamenti u jekk ma jitqarbinx mas-soċji l-oħra kull nhar ta' Ħadd għal żmien notevoli: ngħidu aħna għal sitt xhur.

IS-SITT SESSJONI, 24 TA' MARZU, 1916

Is-sitt u l-aħħar sessjoni li fiha Dun Ġorġ deher quddiem il-Kummissjoni saret jumejn wara, fil-jum tal-Ġimgħa. Fiha, Dun Ġorġ issokta jitkellem fuq ir-regolamenti tas-soċji. Finalment, il-Fundatur tal-Museum jitkellem fuq il-ġid li joħroġ mis-Soċjetà tiegħu, kliem ta' importanza kbira għall-istorja tas-Soċjetà tal-MUSEUM.

Kummissjoni: Xi frott joħroġ mid-djar tal-Kumpanija tiegħek?

Dun Ġorġ: Żdiedet il-frekwenza tas-sagramenti, kemm fost is-soċji kif ukoll fost it-tfal, tant li ħafna minnhom jitqarbnu kuljum, u kull nhar ta' Ħadd jitqarbnu flimkien. Kull nhar ta' Sibt it-tfal jisimgħu prietka minn xi ħadd mis-soċji. Biex inbieġħdu lit-tfal mill-periklu tad-dinja, kull nhar ta' Ħadd, wara l-ikla ta' nofsinhar, it-tfal flimkien mas-Superjur jew soċji, imorru passiġġata 'il barra mill-abitat. Passiġġati li jieħdu sehem fihom ħafna tfal. Din issir mid-djar kollha tagħna.

Kummissjoni: Kemm saru konverżjonijiet bis-saħħa tal-Kumpanija tiegħek?

Dun Ġorġ: Bil-ħidma tas-Soċji, ħafna persuni ta' kull kundizzjoni, stat jew kuxjenza, ikkonvertew. Ħafna millikkonvertiti huma l-istess Soċji. L-ikkonvertiti l-oħra mhumiex ftit. Minn meta jidħlu fil-Kumpanija, is-soċji jikbru fil-virtù, tant li qatt ma nqala' dożordni u dissens la intern u lanqas estern. Xi soċji daħlu f'Ordnijiet Reliġjużi, bħall-Ġiżwiti, Dumnikani, Agostinjani u Kapuċċini, u oħrajn daħlu mal-Kleru sekulari.

Kummissjoni: X'għamlet il-Kumpanija tiegħek fir-rigward tal-mewġ li qam kontra r-Reliġjon minn Manwel Dimech, Violi u eretiċi oħra Maltin?

Dun Ġorġ: Il-Kumpanija baqgħet iżżomm sod is-sentimenti reliġjużi.

(Traduzzjoni tiegħi mit-Taljan mill-Atti li jinsabu fl-Arkivji tal-Kurja u li ġew ippubblikati għall-ewwel darba bit-Taljan minn Alexander Bonnici fl-1981.)

Illejla se jsir Pellegrinaġġ Djoċesan mid-Djoċesi ta' Għawdex u l-Isqof t'Għawdex Mario Grech se jiċċelebra quddiesa fil-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda (fejn hemm midfun San Ġorġ Preca) fil-5.00 p.m. Illum, il-kappella se tkun miftuħa mis-7.00 a.m. sa nofsinhar. Il-festa ta' San Ġorġ Preca se titfakkar għada t-Tnejn, 9 ta' Mejju, b'quddiesa solenni fil-Kappella tal-Midalja Mirakoluża, fis-6.00 p.m., mill-Vigarju Ġenerali Mons. Joe Galea Curmi. Fil-knejjes kollha ta' Malta, il-membri tal-Museum se jiċċelebraw din il-festa mal-bqija tal-parroċċa fil-quddies ta' filgħaxija. Matul il-ġurnata l-Kappella se tkun miftuħa mis-7.00 a.m. sad-9.00 p.m., ħlief bejn nofsinhar u l-4.00 p.m., u kulħadd hu mistieden li jsib ftit ħin jitlob quddiem il-fdalijiet tal-qaddis Malti.

(jissokta)